**IL-KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA JKOMPLI BIL-PROĊESS TA' RIKODIFIKAZZJONI U KONSOLIDAZZJONI TAL-LIĠIJIET TA' MALTA**

Il-Kumitat Magħżul tal-Kamra maħtur għall-iskop ta' Ri-Kodifikazzjoni u Konsolidazzjoni ta' Liġijiet immexxi mill-Onor. Franco Debono u magħmul mill-Onor. Josè Herrera u l-Onor. Francis Zammit Dimech, reġa' ltaqa' llum it-Tnejn 29 ta' Marzu 2010 biex ikompli jiddiskuti l-proċess ta' rikodifikazzjoni u konsolidazzjoni tal-Liġijiet ta' Malta. Dan il-Kumitat Magħżul qed jiltaqa' wara mozzjoni li kienet għaddiet fil-Parlament.

Il-Kap tal-*Justice Unit,* Dr Vanni Bruno, li kien diġà indirizza lill-Kumitat f'laqgħa preċedenti, informa lill-Kumitat li l-aħħar eżerċizzju ta' konsolidazzjoni ta' leġislazzjoni tas-sussidjarjetà li sar hawn Malta, kien proprju fl-1942, meta kien hemm il-*Law Revision Commission* taħt l-Imħallef Harding u l-Professur Ninu Mamo. Għalkemm fl-1984 il-*Law Revision Commission* kienet tiltaqa' taħt iċ-*Chairman*, Dr Edgar Mizzi, qatt ma kienet saret konsolidazzjoni fil-liġi prinċipali. Min-naħa l-oħra, fi żmien riċenti, il-Parlament ikkonsolida xi liġijiet f'liġi waħda.

Kelliemi ieħor waqt il-kumitat kien il-Professur Kevin Aquilina li spjega fid-dettall il-benefiċċji ta' dan il-proċess ta' konsolidazzjoni li f'pajjiżi barranin jitwaqqfu Kummissjonijiet simili bħal dan il-Kumitat Magħżul u li fost l-oħrajn ix-xogħol tagħhom huwa li l-liġijiet ikunu iktar aċċessibbli, issimplifikati u li jdaħħlu iktar ċertezza tad-dritt. Huwa tkellem ukoll dwar il-ħtieġa li jiġu identifikati wħud mil-liġijiet ta' natura amministrattiva li jeżistu fil-Liġijiet ta' Malta u li jistgħu jiġu kkonsolidati.

Fis-seduta li jmiss fis-7 ta'April mistennija tiġi diskussa r-rilevanza tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, u l-possibbiltà li l-artikoli rimanenti ta' dan il-Kodiċi jiġu inseriti f'liġijiet oħrajn, kif ukoll il-possibbiltà ta' konsolidazzjoni ta' liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji.

**DOI – 30.03.2010**